MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2007

Rikors Ta Revoka Numru. 361/2007

**Andrea Stellato**

**vs**

**Sandra Falzon**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta` Sandra Falzon fejn hija talbet (a) ir-revoka totali tal-mandat ta` sekwestru nru. 222/07 u (b) l-imposizzjoni ta` penali/ danni ta` Lm3,000 kif kontemplat fil-ligi.

Rat ir-risposta tal-intimat Andrea Stellato.

Rat id-dokumenti esibiti.

Semghet lid-difensuri.

Ikkunsidrat illi Andrea Stellato talab u ottjena l-hrug ta` mandat ta` sekwestru 222/07 biex jikkawtela l-kreditu tieghu fil-konfront ta` Sandra Falzon u dan bhala s-sehem taghha ghall-ispejjez edukattivi u manteniment ta` binthom minuri.

Il-proeceduri intavolati minnu fir-rigward ta` dan il-kreditu ghadhom pendenti quddiem il-Qorti tal-Familja u ghalhekk l-istess Andrea Stellato ghandu dritt jibqa` jikkawtela l-pretenzjonijiet tieghu dedotti f`dawn il-proceduri.

Il-Qorti rat l-Art. 836 1b – 1c – 1d – 1e u 1f – li r-rikorrent qed jibbaza t-talba taghha fuqhom u, minkejja id-dokumentazzjoni voluminuza pprezentata mill-istess rikorrenti, il-Qorti ma taqbilx li l-kaz in ezami jaqa` taht xi wahda minn dawn ir-ragunijiet. Xejn minn dak kollu li qalet ir-rikorrenti ma jbiddel il-fatt li l-intimat ghandu pretensjonijiet ga dedotti fi proceduri gudizzjarji u ma hemm xejn aktar li jikkawtelalu l-pretensjonijiet tieghu. F`dan il-kuntest, il-Qorti m`hija bl-ebda mod disposta taghmel l-iskrutinju li huwa essenzjalment rizervat ghall-Qorti li quddiemha huma pendenti dawk il-proceduri.

Ghal dawk ir-ragunijiet, il-Qorti taqta` u tiddeciedi billi tichad it-talba tar-rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------